MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) (GURISDIZZJONI SUPERJURI) (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2006

Citazzjoni Numru. 17/2005

Joseph Portelli .

vs

Mary Ann Portelli nee' Curmi .

sIl-Qorti ,

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-attur, wara li ppremetta :

Li l-partijiet iżżewġu fil-knisja Parrokkjali tan-Nadur, Għawdex fis-sebgħa u għoxrin (27) ta' Ġunju tas-sena elf, disa' mija u tnejn u tmenin (1982) u miż-żwieġ tagħhom kellhom żewġt itfal illum maġġorenni (Dok. A) ;

Illi wkoll li l-kunsens tal-partijiet kien vizjat b'effett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tagħha ;

Li l-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat b'anomalija psikoloġika serja li għamlitha impossibbli għall-kontendenti li jaqdu l-obblikazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ ;

Ukoll li l-kunsens tal-konvenuta inkiseb bl-eskluzjoni pożittiva taż-żwieġ innifsu, jew ta' xi wieħed jew iktar mill-elementi essenzjali tal-ħajja miżżewġa, jew id-dritt għall-att taż-żwieġ ;

U dana kollu kif jirriżulta waqt it-trattazzjoni ;
Li għalhekk, iż-żwieġ iċċelebrat bejn il-kontendenti fis-27 ta' Ġunju, 1982 huwa null u bla effett a tenur tal-artikolu dsatax (19) sub-inċiż 1, (d) u (f) tal-Att dwar iż-Żwieġ (**Kap. 255** tal-Liġijiet ta' Malta) .

Talab lill-konvenuta tgħid għaliex m'għandhiex din il-Qorti :

1. Tiddikjara u tiddeċidi li ż-żwieġ iċċelebrat bejn il-kontendenti f'Għawdex fis-27 ta' Ġunju 1982 huwa null u bla effett a tenur tal-artikolu dsatax (19) sub-inċiż 1 (d) u (f) tal-Att dwar iż-żwieġ (**Kap. 255** tal-Liġijiet ta' Malta) u għalhekk tordna li ssir l-annotazzjoni opportuna fl-att taż-żwieġ li kopja tiegħu hi hawn annessa (Dok. "A") .

Bl-ispejjeż – kontra l-konvenuta inġunta minn issa stess għas-subizzjoni .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-attur debitament ikkonfermata minnu .

Rat ir-riferta pożittiva tal-konvenuta li, minkejja li ġiet debitament notifikata b'din iċ-ċitazzjoni fit-28 ta' Novembru 2005, għażlet li tibqa' kontumaċi .

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-affidavits u dokumenti esebiti .

Rat in-nota ta' l-osservazzjonijiet ta' l-attur .

Ikkunsidrat :

Illi permezz tal-kawża preżenti l-attur qed jitlob dikjarazzjoni ta' nullita' taż-żwieġ tiegħu mal-konvenuta għax allegatament:

(i) il-kunsens tal-partijiet għal dan iż-żwieġ kien ivvizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali tagħha .
(ii) il-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat b'anomalija psikologika serja li għamlitha impossibbli għall-kontendenti li jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ ;
(iii) il-kunsens tal-konvenuta inkiseb bl-eskluzjoni pożittiva taż-żwieġ innifsu, jew ta' xi wieħed jew iktar mill-elementi essenzjali tal-ħajja miżżewġa, jew id-dritt għall-att taż-żwieġ .

Il-konvenuta baqgħet qatt ma xehdet sabiex tagħti l-verzjoni tagħha u għalhekk din il-Qorti ma kellhiex l-opportunita' teżamina wkoll dak li setgħet kellha xi tgħid l-istess konvenuta fuq dawn l-allegazzjonijiet .

Madankollu l-prova ta' kwalunkwe waħda mir-raġunijiet msemmija mill-attur, hija suffiċjenti biex tirrendi żwieġ null skond il-liġi tagħna . Il-kompitu ta' din il-Qorti huwa għalhekk li tara u teżamina jekk iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ in eżami, jistgħux iwassluha għall-konklużjoni illi teżisti xi waħda minn dawn ir-raġunijiet li tirrendi żwieġ null skond l-Att dwar iż-Żwieġ (Kap. 255) .

Raġuni ewlenija illi l-attur qed jibbaża din il-kawża fuqha hija dik kontemplata fl-artikolu 19(1)(d) tal-Kap. 255 . Ikun hemm ***difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju***, meta xi waħda mill-partijiet, għalkemm ma jistgħax jingħad li tbati

minn infermita’ mentali, tkun daħlet għal din ir-rabta konjugali mingħajr maturita’ biżżejjed għaż-żwieġ .

Ġie spjegat illi "*B'difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju, il-leġislatur ma riedx ifisser sempliċement kwalsiasi stat ta' immaturita' li parti jew oħra fiż-żwieġ tista' tkun fiha fil-mument li jingħata l-kunsens reċiproku . Li kieku l-leġislatur irrikjeda maturita' sħiħa u perfetta, ftit jew addirittura ebda żwieġ ma kien ikun validu . In-nuqqas ta'* ***discretio judicii*** *hu kunċett ġuridiku intrinsikament marbut mal-kapaċita' ta' parti oħra fiż-żwieġ li tagħti l-kunsens liberu u xjenti tagħha għar-rabta taż-żwieġ . Kif jispjega l-ġurista* ***Colagiovann****i :*

*'il matrimonio, in quanto patto ossia '**foedus**' … richiede una capacita' intellettuale e volitiva al di sopra di ogni altro contratto che e' per lo meno rescindibile, in casi determinati dalla legge, richiede quindi una integrita' di mente e di liberta', dato che … si tratta di assumersi una '**servitus'** per tutta la vita' . (*Forum, 1990. vol. I part. 1. p. 72*)' ;*

*Pero', kif ġia ngħad, b'immaturita' jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju d-dottrina u l-ġurisprudenza 'non si riferiscono ad una piena e terminale maturita', non esigono nei nubenti una conoscenza perfetta ed esaustiva di cioe' che comporta il matrimonio, non richiedono una preveggenza chiara ed assoluta di cioe' che puo' comportare la vita coniugale, ne un perfetto equilibrio volitivo-affettivo, ne in fine una conoscienza perfetta della motivazione della scelta matrimoniale . Ecco perche' riesce piu' appropriato l'uso del termine discrezione di giudizio, che fa riferimento ad un certo discernimento ma non implica il raggiungimento di una maturita' piena' .* (**Pompedda, M. F.** Il Consenso Matrimoniale in Grocholewski – Pompedda - Zagglia . Il Matromonio nel Nuovo Codice di Diritto Canonico (Padova 1984, p. 46) . *Proprju għalhekk ukoll il-leġislatur jirrikjedi li d-difett ta' diskrezzjoni jrid ikun wieħed serju …* " [1]

---

[1] N.A. vs R.A. konfermata mill-Qorti ta' l-Appell fid-29.10.1999 . (vol. LXXXIII, pt.2, p. 559)

Hekk ukoll l-Imħallef Rotali **Davino** innota li n-nuqqas ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju, jfisser ukoll in-nuqqas ta' kapaċita' fil-partijiet kontraenti li jilħqu ammont suffiċjenti ta' riflessjoni proporzjonata għall-kuntratt konjugali, li hija fakulta' riflessiva meħtieġa għall-istat nuzjali (monito . Ecclesiastices, 108(1983) 504, u. 2. cfr. Ch. Defebvre : "Defectus Discretionis indicii in Rotali Iurisprudentia in Periodica, 69, (1980) p. 55 – 7) : "*This is the capacity to put together judgements already reached to form a new judgement i.e. affirm or deny something about the objects of consent (in this case marriage) . A sufficient mature capacity to judge and to reason, to make a practical evaluation of the nature and essential obligations of marriage . The critical faculty is the faculty to combine reasoned judgement to form a new judgement . In marriage, the person about to marry must have the capacity to argue and reason inside of himself whether he should, first of all marry at any given time, and secondly, marry the person proposed as his/her spouse . He/she must internally turn over the reasons for and against whether to take the other person for a commitment of a lifetime, which commitment would have to include the giving of one self to the other, the rendering of mutual service, and the institution with the other person of a lifetime full of a life of mutual help, respect and self-sacrifice*" (vide sentenza *coram anne* – 22.7.69, SRRD No. 1. 61, pp. 864 - 865 n. 3) .

Fil-każ in eżami nsibu illi l-partijiet kienu bdew jiffrekwentaw lil xulxin ftit taż-żmien wara li kienet għada kemm sfrattat għarusija li l-konvenuta kellha ma' ġuvni ieħor . It-tnejn kienu mill-istess raħal tan-Nadur, f"Għawdex . Wara tliet xhur biss iddeċidew li jiżżewġu, tgħarrsu u mbagħad iż-żwieġ tagħhom ġie ċelebrat fis-27 ta' Gunju 1982, inqas minn għaxar xhur wara li kienu bdew joħorġu flimkien . L-attur kellu 25 sena u l-konvenuta kellha 18-il sena[2] . Minn dan iż-żwieg il-kontendenti kellhom żewġt itfal, illum t-tnejn maġġjorenni . Il-kbira Chantelle twieldet fl-1982 filwaqt illi t-tifel Stanley

[2] ara kopja taċ-ċertifikat taż-żwieg Dok. A a fol. 5 tal-process .

twieled fl-1987 . Għall-ewwel ħames snin taż-żwieġ, għexu għand il-ġenituri tal-konvenuta billi ma kienx għad għandhom fejn joqgħodu . Ftit wara t-twelid tat-tifel, il-konvenuta bdiet ħbiberija ma' ċertu Ġużi Grima, raġel tlettax-il sena ikbar minnha u bdiet tiffrekwentah waqt li r-raġel kien ikun xogħol bil-lejl bix-shift, bit-tfal jitħallew waħedhom id-dar . Fi sforz li jsalva ż-żwieġ l-attur, malli sar jaf b'din ir-relazzjoni, kien lest li jaħfrilha, basta ma tkomplix bil-ħbiberija li kellha ma' dan ir-raġel . Il-konvenuta pero' riedet tirranġa biss bil-kondizzjoni li tkompli bir-relazzjoni extra maritali li kellha . In segwitu saret separazzjoni konsenswali u l-kura u kustodja tat-tfal ġiet fdata lill-attur . Il-konvenuta marret u baqgħet tgħix ma' Grima għal ċertu żmien u anke kellha tifel minn tiegħu . Illum pero' kisritha wkoll miegħu u bdiet relazzjoni oħra ma' ċertu Joe Chircop . It-tifel li kellha ma' Grima baqa' jirrisjedi ma' missieru .

Mingħajr ma jkollha għalfejn tiħdol fil-mertu ta' ħafna dettalji oħra li ġew rilevati mix-xhieda prodotti f'din il-kawża, li sfortunatament huma kollha membri tal-familja ta' l-attur, jidher illi hawnhekk ghandha kaz tipiku ta' persuna illi ma kienitx kapaċi tuża l-ġudizzju tagħha sewwa biżżejjed sabiex l-ewwelnett tagħraf tiddeċidi jekk għandhiex tiżżewweġ, u mbagħad jekk hux lil xi ħadd partikolari, fil-każ tagħna lill-attur . Jidher illi kien hemm ċerta pressjoni da parti tal-ġenituri tal-konvenuta biex din tiżżewweġ kemm jista' jkun malajr, probabilment biex ma jerġax jiġri bħal ma kien ġara bl-għarus preċedenti, fejn kienet sfrattat l-għerusija ftit biss qabel kellu jsir iż-żwieġ . Sinjifikanti wkoll dak li stqarr l-attur fis-sens li l-konvenuta kienet qaltlu kemm-il darba illi hija kienet iżżewġitu mhux għall-imħabba imma sabiex it-tfal tagħha jitwieldu fi żwieġ .

Hekk ukoll il-fatt li l-konvenuta rriżultat illi sa minn qabel iż-żwieġ u prattikament tul ħajjitha anke wara ż-żwieġ, sabitha diffiċli wisq illi żżomm relazzjoni stabbli ma' raġel wieħed, għax dejjem fittxet illi tikkoltiva relazzjoni oħra fl-istess ħin, juri naqqas ta' kapaċita' fiha illi tilħaq ammont suffiċjenti ta' riflessjoni proporzjonata għall-kuntratt konjugali, kif imfissra hawn fuq . Irriżulta illi, apparti r-

relazzjonijiet extra konjugali li ġew stabiliti waqt dan iż-żwieġ, il-konvenuta kienet anke l-kaġun li sfrattat l-għarusija li kellha ma' ġuvni ieħor għall-istess raġuni . Dan kien induna li kienet qed tkellem lil ħaddieħor, meta suppost kellhom jiżżewġu fi ftit xhur .

Dawn iċ-ċirkostanzi jwasslu lil din il-Qorti tikkonkludi illi meta l-konvenuta ġiet biex tagħti l-kunsens tagħha għal dan iż-żwieġ, ma kienitx matura biżżejjed sabiex tevalwa n-natura u l-obbligi essenzjali taż-żwieġ, u partikolarment fejn tidħol il-fedelta' lejn ir-raġel li kienet ser tingħaqad miegħu biex tifforma familja, suppost tul ħajjitha kollha . Sfortunatament din l-immaturita' fil-konvenuta baqgħet tippersisti, kif huwa evidenti mir-relazzjoni l-oħra li kellha wara ż-żwieġ . M'għandu jibqa' ebda dubbju għalhekk illi kien hemm nuqqas serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali tagħha da parti tal-konvenuta meta resqet għal dan iż-żwieġ .

Għaldaqstant, minħabba illi jirriżulta sodisfaċentement illi dan iż-żwieġ kien ivvizzjat minħabba nuqqas serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fil-konvenuta, m’hemm l-ebda raġuni għaliex din il-Qorti għandha teżamina wkoll r-raġunijiet l-oħra msemmija mill-attur għaliex l-istess żwieġ kien null .

Għal dawn il-motivi, tiddeċidi l-kawża billi tilqa’ t-talba attriċi u tiddikjara li ż-żwieġ bejn il-kontendenti li sar fis-sebgħa u għoxrin (27) ta’ Gunju tas-sena elf disa' mija u tnejn u tmenin (1982) kien null u bla effett għal finijiet u effetti kollha tal-Liġi sa mill-ewwel ġurnata tiegħu, minħabba illi l-kunsens tal-konvenuta għal dan iż-żwieġ kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju essenzjali fuq il-ħajja miżżewġa u fuq id-drittijiet u dmirijiet tagħha, a tenur ta' l-artikolu 19 (1)(d) tal-Kap. 255 .

L-ispejjeż tal-kawża, billi ma tistax tiġi mputata xi ħtija fuq l-attur għal dak li ġara, għandhom jiġu ssoportati mill-konvenuta .

Fl-aħħarnett tordna illi kopja uffiċċjali ta’ din is-sentenza tiġi notifikata lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku għal Għawdex sabiex isiru d-debiti notamenti fuq l-Att ta’ Żwieġ relattiv skond il-liġi .

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------